Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9111 — Bregal Unternehmerkapital/trendtours Touristik)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 325/10)

1. Fis-7 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bregal Unternehmerkapital II LP, ("Bregal Unternehmerkapital", il-Ġermanja),

— trendtours Touristik GmbH u l-kumpanija oħtha Bus und Service, Organisations- und Werbegesellschaft mbH (flimkien "trendtours Touristik", il-Ġermanja).

Bregal Unternehmerkapital takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' trendtours Touristik permezz tax-xiri tal-ishma kollha tal-kumpanija holding tagħha Dating, Datenerfassung und -verarbeitung, Gesellschaft mit beschränkter Haftung (il-Ġermanja).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bregal Unternehmerkapital: hija fond tal-investiment, finalment ikkontrollat minn COFRA Holding AG, Zug, l-Iżvizzera.

— għal trendtours Touristik: tipprovdi servizzi ta' operatur turistiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9111 — Bregal Unternehmerkapital/trendtours Touristik

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.